**KNISJA WAĦDA, VJAĠĠ WIEĦED**

**PREŻENTAZZJONI MINN DR NADIA DELICATA, DELEGAT EPISKOPALI GĦALL-EVANĠELIZZAZZJONI**

Meta xhur ilu, l-Eċċellenza tiegħu talabni nikkunsidra r-rwol ta' delegat tiegħu għall-Evanġelizzazzjoni, l-ewwel kelma tiegħu kienet biex il-Knisja lokali tibda proċess ta' riflessjoni fuq ir-rakkont mill-Evanġelju skont San Luqa tad-dixxipli ta' Għemmaws. U meta, f'Marzu li għadda, bdejt il-ħidma tiegħi fi proċess ta' smigħ ma' diversi gruppi fil-knisja (saċerdoti, reliġjużi u lajċi) —proċess li għadu għaddej—bdejt nifhem is-sinifikat profond ta' dan ir-rakkont għad-djoċesi tagħna. Mhux biss, aħna bħala komunità nisranija stajna naraw lilna nfusna fid-dixxipli—raġel u mara—mexjin lil hinn minn Ġerusalemm lejn Għemmaws; imma stajna nduqu wkoll mill-konverżjoni li dawn għaddew minnha, fejn fil-laqgħa tagħhom ma' Kristu Rxoxt, dawru r-rotta tagħhom u rritornaw lejn il-belt qaddisa.

Għalhekk, dak li se nippreżentalkom illejla—u li diġà rċivejtu kopja tiegħu permezz tal-email—mhux tant dokument jew draft imma talba, xewqa, tama, li bħad-dixxipli ta' Għemmaws, aħna wkoll nagħrfu d-delużjoni, il-biża', il-qtigħ il-qalb li kultant jaħkmuna meta naraw li l-illużjonijiet tagħna ta' x'kienet tfisser "Malta Kattolika" għebu fix-xejn, u minflok... nifirħu.

Nemmen li għandna nagħmlu eżami tal-kuxjenza u nagħrfu d-dgħufija tagħna bħala knisja: saħansitra t-tradiment u x-xhieda falza tagħna, li waslitna, mhux biss li niċħdu—bl-għemil jekk mhux bil-kliem—il-magħmudija tagħna, imma anke li niddubitaw—bl-għemil jekk mhux bil-kliem—li Kristu qam, li l-qabar miftuħ... Naħseb li din hi raġuni primarja għaliex, bħad-dixxipli ta' Għemmaws, aħna wkoll nħallu l-"komunità" u nterrqu għal rasna, nagħmlu fattina, u kultant saħansitra naħsbu li, għax ir-rwol "esterjuri" ta' privileġġ politiku u soċjali li l-Knisja Maltija kellha fil-passat qed jitmermer, naqgħu wkoll fl-istess żball tad-dixxipli ta' Għemmaws, li ħasbu li, għax lil Kristu qatluh, kollox kien sfaxxa fix-xejn.

Imma—u dan hu l-ferħ tagħna, ir-raġuni għaliex inġbarna llejla—fil-mument ta' dlam, Kristu rxoxt iltaqa' magħhom... u fid-dalma "Maltija" tagħna wkoll, Kristu qiegħed jistedinna għal dixxipulat ġdid, għal evanġelizzazzjoni ħajja, għal servizz mill-qalb, u—bħal Nikodemu li jmur jiltaqa' ma' Ġesù fid-dlam—għal twelid ġdid mill-Ispirtu għal Knisja Maltija. Din hi t-tama u l-isfida li r-Rgħajja tagħna poġġewlna quddiemna meta

għażlu r-rakkont ta' Għemmaws bħala sfond għad-dixxerniment personali u komunitarju tagħna fil-knisja: biex aħna niftakru min tassew aħna bħala knisja Maltija, dawk imgħammda li kbirna flimkien mill-istess għeruq. F'dan l-ispirtu, aħna nitħeġġu biex, f'kull aspett ta' ħajjitna, nifirxu friegħi li jagħtu kenn, li jsebbħu, li jkunu simbolu ta' ħajja ġdida f'Malta llum.

Għalhekk, dan id-dokument, mhux sempliċi proposta ta' ħidma—qisu l-Knisja kienet il-"proġett" jew il-"baby" tagħna—imma stedina, biex, bħala dixxipli, inpoġġu mill-ġdid f'riġlejn l-Imgħallem u nisimgħuh. L-erba' attitudnijiet li r-Rgħajja tal-Knisja tagħna qegħdin ipoġġulna biex inħaddnu u napplikaw fil-ħajja tagħna ta' kuljum, huma dawk ukoll li pajjiżna, artna, għandha bżonn minn knisja li tassew tagħraf il-vokazzjoni tagħha, u l-missjoni tagħha, li tkun melħ tal-art u dawl għad-dinja. Mhux li nimponu l-pożizzjoni tagħna jew, agħar minn hekk, lilna nfusna, imma li bħal ħmira fl-għaġna, immutu biex il-ħobż isir ikel għal ħutna (Maltin u mhumiex). Li nkunu knisja li nisimgħu, li nilqgħu, li nakkumpanjaw wieħed lill-ieħor (u tassew nieħdu ħsieb xulxin), tagħtina l-kuraġġ biex niftħu l-bibien u noħorġu nxandru l-Bxara t-Tajba.

Naf ukoll—għax doqtha diversi drabi mal-membri tal-knisja li ltqajt magħhom f'dawn l-aħħar xhur—li hemm ħafna fostna li diġà qegħdin jgħixu l-ispirtu tal-konverżjoni ta' Għemmaws f'dixxipulat missjunarju: għaraftha meta mhux biss smajt, imma ġejt mismugħa u ħafna qasmu miegħi kliem ta' faraġ u tama; għaraftha fi ħbiberiji li tnisslu, u f'esperjenzi ta' vulnerabbiltà li qsamna flimkien... B'mod speċjali, missejtha fil-ħeġġa li qiegħda dejjem tikber li bħala komunità nisranija tassew inkunu melħ f'artna... Dawn l-esperjenzi konkreti ta' smigħ, ta' laqgħa, ta' akkumpanjament u ta' xewqa ġenwina li ndewwu l-ġrieħi fost ħutna, ippruvajt nesprimihom, niġborhom, naqsamhom u nerġa' nirfinahom mill-kummenti li rċivejt, biex ikunu tassew espressjoni ta' dak li l-knisja lokali kollha tagħraf, għax imnebbħa mill-istess Spirtu, bħala l-vjaġġ li rridu ngħixu flimkien fis-snin li ġejjin. Għalhekk qegħdin hawn illejla, biex intom ukoll, f'kuntest ta' talb u miġbura f'isem il-knisja lokali, tesprimu r-reazzjonijiet tagħkom għal din il-viżjoni ta' Knisja Maltija proposta.

Din il-kitba, mhux biss inkitbet fi proċess organiku; imma hi wkoll minna nnifisha "proċess organiku" għall-persuna li taqraha. Id-dokument hu maħsub bħala "vjaġġ"... mhux biss fl-ispazju, imma fiż-żmien; u mhux biss fiż-żmien imma bil-mod kif nidħlu ftit ftit fil-kumplessità tar-realtà li qed ngħixu fiha, u allura, iktar ma mmissu fil-fond ma' dak li tassew jisfidana biex inkunu "poplu pellegrin". Għalhekk, kull pass, jindika l-istess numru ta' punti ta' ftuħ għar-riflessjoni: mill-ewwel pass ċar daqs il-kristall, għat-tmien pass li qed nippreżentah bħala tmien modi kif insiru tassew knisja li tiddixxerni; knisja li bħall-orkestra, tassew tesegwixxi mużika armonjuża b'ħafna strumenti differenti għax taħt id-direzzjoni tal-istess Spirtu Qaddis ta' Alla. Għalhekk ukoll, wara

**Kurja tal-Arċisqof**
Pjazza San Kalċidonju
Il-Furjana, Malta

**Indirizz Postali**
Arċidjoċesi ta' Malta, P.O. Box 1
Il-Furjana FRN 1520, Malta

**Tel.** +356 2124 1281
**Email.** media@maltadiocese.org
**www.knisja.mt**

li naqsam magħkom l-istadji ta’ dan il-vjaġġ... qed nistednukom biex, bħal via crucis, tirriflettu fuq liema stazzjon (wieħed jew iktar) tassew miss qalbkom għax qiegħed jisfida l-knisja tagħna.

**L-Ewwel Pass: Li niltaqgħu (mill-ġdid) ma’ Kristu li “jiftħilna għajnejna” għal glorja tiegħu**

Kif jgħid il-Papa Franġisku fl-ewwel versi tal-Eżortazzjoni Appostlika tiegħu *Evangelii gaudium*, Il-Ferħ tal-Evanġelju, m’hemmx dixxipulat, u allura m’hemmx knisja, jekk m’hemmx il-laqgħa personali u intima ma’ Kristu rxoxt li jsalvana. Id-dixxipli, imnikktin u qalbhom maqtugħa, ma għarfuhx sa ma mexa magħhom u qasam magħhom l-Iskrittura. Qalbhom kienet qed titkebbes, imma għajnejhom ma setgħux jarawh sa ma, f’ġest ta’ ospitalità li wera d-disponibbiltà tagħhom li jagħrfu l-glorja ta’ mħabba li dejjem toħroġ, huma stednuh biex jgħaddi l-lejl magħhom. Hemm, meta kienu tassew lesti għal dixxipulat missjunarju, hu fetħilhom għajnejhom u huma—għal mument wieħed—raw wiċċ Alla li ta ħajtu għalihom. Għalhekk, huma jerġgħu lura, b’ħeġġa u mneżżgħa minn kull biża’, lejn dawk li mingħajrhom ma setgħux ikunu tassew “Ġisem ta’ Kristu” fid-dinja. Fil-laqgħa personali u intima tagħna ma’ Ġesù, aħna mhux biss ninfetħu biex inxandruh, imma tassew insiru knisja, komunità.

**Għalhekk, it-Tieni pass, u ż-żewġ attributi ta’ dawk li għajnejhom jinfetħu: li jxandru l-kelma u li jaqdu f’isem l-Imgħallem tagħhom**

Fil-knisja lokali, dawn l-attributi tal-persuna dejjem midinba imma xorta magħżula minn Kristu, huma rappreżentati anke fl-istrutturi tad-djoċesi stess, li juru b’mod ċar il-prijorità tagħhom fil-kuntest Malti tal-lum: l-Evanġelizzazzjoni u d-Djakonija. Id-dixxipulat jimplika s-smigħ tal-Kelma: il-Kelma jew Verb, li hu Alla nnifsu magħmul bniedem, imma wkoll il-kelma fl-Iskrittura. L-Evanġelizzazzjoni hil-Aħbar ta’ Kristu li jsalva, u l-laqgħa tagħna ma’ Kristu, ix-xandir tagħna tas-Salvatur, ta’ Kristu Sultan, hu dejjem fil-kontemplazzjoni u fil-qsim tal-iskrittura.

Madankollu, il-kelma—anke dik tal-Iskrittura—titlaħħam, fil-ġesti ħajjin ta’ dawk li jirċevuha. Bħala l-knisja ta’ San Pawl, dan għandu sinifikat qawwi għalina. Konna fost tal-bidu nett li rċivejna l-kelma mill-Appostlu nnifsu; imma rċivejna l-kelma meta dan—bħala ħabsi—tajnieh, lilu u lil dawk miegħu, l-ewwel għajnuna wara l-għarqa. Aħna poplu li stajna nirċievu l-kelma, propju għax għarafna nkunu ta’ servizz; għax għarafna niftħu qalbna għall-barrani. L-ispirtu ta’ Djakonija li d-djoċesi tassew li tħeġġiġna fih,

**Kurja tal-Arċisqof**
Pjazza San Kalċidonju
Il-Furjana, Malta

**Indirizz Postali**
Arċidjoċesi ta’ Malta, P.O. Box 1
Il-Furjana FRN 1520, Malta

**Tel.** +356 2124 1281
**Email.** media@maltadiocese.org
**www.knisja.mt**

hu ta' sfida biex niftakru kemm drabi fl-istorja tagħna konna ta' għajnuna għall-barrani u kemm illum aħna mitluba li nagħmlu l-istess. Hu wkoll spirtu ta' umiltà, għax min jixtieq jgħin ma jħarisx lejn l-uċuħ u hu kapaċi wkoll jilqa' l-għajnuna hu stess. Meta l-Papa Benedittu XVI żar il-Grotta ta' San Pawl f'pajjiżna kien f'mument iebes għal knisja tagħna. Imma xorta, f'dan il-mument li għaqqad il-passat mal-preżent, rajna l-kontinwità tal-knisja lokali li maż-żminijiet, daqet mhux biss il-ħelu, imma anke l-morr.

**Għalhekk, it-Tielet pass: li niftakru min aħna, mhux biss bħala dixxipli ta' Kristu li naqsmu l-istess missjoni ta' qadi, imma bħala "Poplu ta' Alla" uniku għax "Malti".**

Tliet aspetti jgħinuna nirriflettu fuq l-għeruq tagħna, fuq tassew min aħna bħala "poplu" magħżul mill-bidu nett; bħala "poplu" li għadu jġorr ir-responsabbiltà elfejn sena wara li jagħti xhieda lil Kristu.

L-ewwel nett, ir-realtà iebsa tal-art tagħna: art sabiħa u żgħira, ġebla f'nofs baħar, art li tassew trid tbati biex tagħtik il-frott. Din l-esperjenza ta' tbatija marbuta mal-art, tat identità partikolari u rrepetibbli lill-poplu Malti u allura lill-Knisja Maltija. L-esperjenza tagħna tal-vanġelu hi intrinsikament marbuta mal-mod kif nieħdu ħsieb lil dawk li jsibu ruħhom f'artna, lil dawk li litteralment u metaforikament, insalvawhom mill-għarqa, anke bil-ftit tagħna.

Għalhekk, l-istorja tagħna, il-mod kif il-vanġelu sawwar il-kultura Maltija u l-kultura Maltija tat espressjoni distinta lil vanġelu, hu t-tieni aspett li tassew jagħmilna "knisja Maltija" bid-dinamika tagħha, bil-potenzjal tagħha, u bil-problemi tagħha. Aħna writna mhux biss espressjoni ta' fidi, imma wkoll weġgħat, diżappunti, u esperjenza unika fid-dinja fejn il-knisja kienet tassew "poter politiku", mhux biss reliġjuż. Din l-istorja, li toħodna lura sekli sħaħ għandna mhux biss ngħożżuha, imma wkoll nippurifikawha biex tassew niftakru min aħna bħala dixxipli mibgħuta llum.

Imma ma ninsewx ukoll, it-tielet aspett li jagħmilna "poplu ta' Alla" fl-art Maltija: l-esperjenza ħajja ta' Alla, u allura espressjoni ta' fidi rikka, li writna mingħand l-antenati tagħna. Kulma rridu nagħmlu hu li nħarsu lejn l-ibliet u l-irħula tagħna, fejn is-sinjali tal-fidi huma evidenti fit-tempji, fit-tradizzjonijiet, fid-devozzjonijiet, speċjalment dawk marbuta ma' Ommna Marija. Din in-nixxiegħa ta' ilma ħaj tal-fidi li titla' mill-għeruq tagħna tibqa' tagħti ħajja lill-knisja lokali għax—meta ppurifikata mill-pika, mill-materjaliżmu u mill-apparenzi biss—torbotna mal-fidi ta' missirijietna u ommijietna fi tradizzjoni ekkleżjali tassew Maltija maż-żminijiet.

**Kurja tal-Arċisqof**
Pjazza San Kalċidonju
Il-Furjana, Malta

**Indirizz Postali**
Arċidjoċesi ta' Malta, P.O. Box 1
Il-Furjana FRN 1520, Malta

**Tel.** +356 2124 1281
**Email.** media@maltadiocese.org
**www.knisja.mt**

Imma waqt li tiftakar fil-passat, il-knisja Maltija hi mitluba li tintefa' f'riġlejn Kristu l-Għalliem ta' Għemmaws fil-preżent. **Għalhekk ir-raba' pass—u l-iktar kruċjali—marbut mal-erba' lezzjonijiet li mitluba nirċievu biex tassew nġeddu l-wegħdiet tagħna bħala Poplu Qaddis f'Malta:**

**Knisja li tisma'**: l-ewwel u qabel kollox, lil Kristu, l-Għalliem tagħha, fil-Kelma tiegħu. Mill-esperjenza tal-kontemplazzjoni tal-kelma li tfejjaq, tal-kelma li tagħti l-ħajja, inkunu nistgħu nisimgħu wkoll lil xulxin għax tassew niftħu qalbna għal xulxin, biex insiru "knisja waħda".

**Knisja li tilqa'**: mhux biss għax tiftakar f'dawk li laqgħet qabel, imma għax, jekk tagħmel eżami tal-kuxjenza llum, tagħraf li kultant issabbat il-bibien u mhux tiftaħhom, tibni l-ħitan u mhux twaqqagħhom, tingħalaq fiha nnifisha u saħansitra f'setet u gruppi li bilkemm jiltaqgħu bejniethom. Knisja li tilqa' hi wkoll knisja li tinkludi, knisja li tibni pontijiet fejn l-art inqasmet u firditna minn xulxin f'pajjiżna ċkejken stess.

**Knisja li takkumpanja**: għax id-dixxipulat hu proċess twil u kumpless li jieħu t-tul ta' ħajja ta' bniedem. Mhix faċli li tgħix il-ħajja Nisranija meta din tfisser li hi għażla li mhix popolari, jew li se tagħtik il-prosit. Għalhekk il-formazzjoni fid-dixxipulat hi wkoll formazzjoni f'relazzjoni ekkleżjali—f'rabta fi Spirtu wieħed li tassew li ma tinħallx.

Minn din l-esperjenza ta' xirka qaddisa, id-dixxipli mibgħuta tnejn tnejn... u għalhekk insiru tassew **Knisja li toħroġ**... u li toħroġ għax il-ferħ tal-vanġelu hu ikbar mill-biża' tad-dinja; id-dawl tal-kelma jaqta' bħal sikkina fid-dlam ta' kultura li tħossha mitlufa. Aħna li, bħala knisja, ukoll doqna t-tbatija tat-telfa u tal-abbandun, mitluba nfittxu lil dawk li qegħdin ibatu biex inkunu tassew "il-Ġisem ħaj ta' Kristu" għalihom.

Imma "aħna" min aħna"? Min hi l-knisja Maltija llum? Min hu l-Poplu Qaddis ta' Alla li għandu għeruq f'pajjiżna u li f'artna xiref mill-art bħal zokk ta' żebbuġa? **Dan hu l-Ħames Pass fil-vjaġġ, fejn inħarsu lejn xulxin u nagħrfu min aħna bħala pellegrini:**

Fostna hemm dawk magħżula mill-Poplu ta' Alla biex jaqduh bħala medjaturi, bejn il-Poplu u Alla nnifsu. Il-preżenza tas-saċerdot tfakkar x'inhi l-ewwel u l-aqwa ħidma tal-knisja: il-qima tal-Missier, fi Kristu u bħala xirka tal-qaddisin fil-qawwa tal-Ispirtu s-

**Kurja tal-Arċisqof**
Pjazza San Kalċidonju
Il-Furjana, Malta

**Indirizz Postali**
Arċidjoċesi ta' Malta, P.O. Box 1
Il-Furjana FRN 1520, Malta

**Tel.** +356 2124 1281
**Email.** media@maltadiocese.org
**www.knisja.mt**

Santu. Il-preżenza tas-saċerdot hi simbolu ta' kif il-preżenza ta' Alla fostna hi tassew reali fis-sagramenti li aħna, li bħala Poplu ta' Alla nirċievu u niċċelebraw.

Fostna hemm ukoll, ir-reliġjużi—nisa u rġiel—li huma simbolu profetiku ta' kif in-Nisrani jgħix fid-dinja imma mhux ta' din id-dinja. Il-kariżmi distinti tar-reliġjużi jfakkruna wkoll fil-ħafna rigali li l-Ispirtu dejjem jagħtina skont il-ħtieġa taż-żminijiet.

Imma ħafna minna fil-Knisja, aħna lajċi u l-preżenza tagħna fil-knisja għandha żewġ orjentamenti ċari: li nibnu l-knisja mill-qiegħ; u li nkunu knisja fid-dinja.

Aħna l-lajċi għandna ministeri ċari fil-knisja, li l-qalba tagħhom hi li aħna nibnu l-knisja domestika bħala ġenituri, imma wkoll bħala katekisti, għalliema (speċjalment fi skejjel tal-knisja), bħala dawk li jakkumpanjaw fi proċess ta' formazzjoni maż-żgħażagħ, mal-għarajjes, mal-familji, mal-anzjani.

Imma aħna l-lajċi professjonisti wkoll, ħaddiema impenjati fid-dinja. Il-vokazzjoni tagħna ta' xhieda hi kruċjali bl-għemil iktar milli bil-kliem. Din il-vokazzjoni tilħaq l-kulminu tagħha fil-ħajja politika. Is-servizz li n-Nisrani jagħti lil ċittadini bħalu—Insara jew le—hu l-mod l-iktar konkret kif immissu mal-feriti fid-dinja.

Imma hemm ukoll il-ħames kategorija, li ħafna drabi ninsewha u anke nwarrbuha: dawk fostna li jiddubitaw (forsi għax imweġġgħa), li jistaqsu (forsi għax diżappuntati), li jfittxu (għax bil-għatx għall-ħajja). Il-katekumenat tal-adulti, u anke proċess ta' tiftix mill-ġdid għal dawk li birdu mill-fidi tagħhom, ifakkruna li l-knisja hi dejjem omm li tħobb lil uliedha f'kull mument tal-vjaġġ tagħhom. Hi wkoll il-mod konkret kif il-knisja tassew tipprova tifhem is-sinjali taż-żminijiet u tilqa' l-isfidi biex tassew tagħti xhieda ta' Kristu (u mhux ta' ideal maqtugħ mir-realtà tal-kultura tagħna).

**Is-Sitt Pass: imma aħna, iz-zokk ta' din is-siġra li tixtieq tagħti kenn fuq l-art, fejn għandhom jikbru u jestendu l-friegħi tagħna? Fejn huma l-ispazji li aħna, bħala knisja, mitluba nimirħu fihom f'Malta tal-lum?**

L-ewwel u qabel kollox: **il-periferiji**, dawk l-ispazji l-iktar imdallma u allura li l-iktar għandhom għatx għall-esperjenza ta' Kristu. Imma ma nilludux ruħna u naħsbu li l-periferiji huma xi spazju distint: il-periferiji jistgħu jkunu f'ħunha mtaqqal, fi sħabna ta' fuq ix-xogħol, imma wkoll fl-esperjenzi ta' faqar materjali u ta' mard (fiżiku, psikoloġiku u spiritwali) li jkisser.

Imma n-Nisrani msejjaħ ukoll **fil-belt**—dak l-ispazju kreattiv u attiv fejn iċ-ċittadin joħlom futur aħjar. Hi d-dinja tal-kummerċ, tal-arti, tax-xjenza, tad-djalogu u

**Kurja tal-Arċisqof**
Pjazza San Kalċidonju
Il-Furjana, Malta

**Indirizz Postali**
Arċidjoċesi ta' Malta, P.O. Box 1
Il-Furjana FRN 1520, Malta

**Tel.** +356 2124 1281
**Email.** media@maltadiocese.org
**www.knisja.mt**

parteċipazzjoni fil-soċjetà ċivili. F'dan il-kuntest, in-nisrani għandu d-dmir mhux biss ta' parteċipazzjoni, imma li jikkreja spazju fejn kulħadd, ta' kwalunkwe persważjoni reliġjuża, politika jew kulturali, jista' jiġi flimkien fi spirtu ta' djalogu.

B'mod analogu, in-Nisrani jiftaħ spazji fejn flimkien nistgħu nfittxu l-verità anke fl-**ambjent diġitali**. L-evanġelizzazzjoni online mhix biss kwistjoni ta' slogans u strateġiji ta' marketing, imma ta' preżenza umana, ta' ħbiberija, ta' mod konkret kif ninfetħu għall-oħrajn u mhux ningħalqu fi ċrieki li jtaptpu fuq dahar xulxin.

Ir-raba' spazju: **l-ispazji ċiviċi** li huma l-modi kif l-istat jista' jaqdi liċ-ċittadini tiegħu. Anke meta naħsbu li l-istrutturi u l-burokrazija joħonquna, il-libertà tan-Nisrani titlob li qatt ma jinsa hu min hu, jew hi min hi, u b'mod speċjali fis-servizz tagħhom lejn ċittadini bħalhom. Il-ġustizzja li mitluba ngħixuha fi spirtu ta' servizz għandha timmarka lin-Nisrani anke fl-ambjenti l-iktar sekulari.

Il-ħames spazju: **l-ispazji tal-knisja stess.** Jekk ix-xhieda tagħna trid tkun ħajja kullimkien, kemm aħna iktar mitluba li nagħtu xhieda awtentika fl-istituzzjonijiet tal-knisja stess? Fl-iskejjel tagħha, fis-servizzi li l-knisja toffri mal-aktar batuti fis-soċjetà, fil-ħajja parrokkjali tagħna, fl-ordnijiet reliġjużi, fil-movimenti tal-lajċi... kemm qed inkunu mera trasparenti tal-Evanġelju ta' Kristu?

U fl-aħħar—imma forsi l-iktar fundamentali—**fil-knisja domestika**. Fil-familji tagħna, kemm qegħdin inrawmu l-ħajja nisranija? Kif qed ngħixu l-vokazzjoni tagħna bħala membri ta' familja? Dak li ma nitrawmux fih fil-familja tal-ġisem, ma nistgħux ngħixuh fil-familja tar-ruħ.

Qed noqorbu lejn l-aħħar tal-vjaġġ: jonqos li niftakru x'inhuma l-prijoritajiet pastorali fil-missjoni tagħna bħala knisja f'Malta llum. U bħal Kristu li jiltaqa' mad-dixxipli ta' Għemmaws meta dawn kienu l-iktar imkissra—għax l-aħbar it-tajba aħna iktar doċili li nirċevuha meta qalbna minfuda—bħala knisja mitluba nagħrfu fejn huma l-ikbar weġgħat fil-kultura tagħna llum. Hemm aħna mibgħuta.

**Is-seba' pjagi ta' Kristu** fil-poplu tagħna niltaqgħu magħhom f'kull mument. Waqt li ngħarfuhom u mmissuhom, mitluba wkoll ninfetħu għal proċess ta' fejqan... aħna li l-Ispirtu ta' Alla qiegħed ifejjaqna, nħarsu lejn il-ġrieħi bħala l-mod konkret fejn il-grazzja ta' Alla mhux biss iddewwi, imma ssaħħaħ u ssebbaħ:

- Ġrieħi personali, li niftakru jew insemmu anke fil-familji tagħna jew komunitajiet tagħna li nġorru ġo fina bħal toqol u piż li ħafna drabi anke nbatu biex insibu l-

kliem biex nesprimuh. Fuq dan il-livell intimu, fil-memorja tagħna u l-karattru tagħna, il-knisja mibgħuta tfejjaq...

- Ġrieħi fir-relazzjonijiet intimi tagħna, speċjalment firda fil-familja, bejn il-miżżewġin u l-ulied, u bejn il-ħbieb. Il-knisja li hi familja għandha responsabbiltà speċjali li takkumpanja l-familji fil-ħafna mard tagħna...
- Ġrieħi fil-knisja stess. Min jaf kemm-il darba nħarsu lejn xulxin—speċjalment aħna l-lajci lejn is-saċerdot, jew is-saċerdoti lejn il-lajċi, kważi b'suspett jew f'relazzjonijiet li ma jirriflettux knisja li hi komunjoni, imma li jkomplu jippersistu f'mudell ta' knisja klerikali. Dawn mhumiex ġrieħi li dejjem faċli tesprimihom għax huma sottili u jitolbu konverżjoni u maturità mill-Poplu ta' Alla kollu.
- Imma hemm ukoll ġrieħi oħra fil-komunità ekkleżjali tagħna... propju dawk li bdejt bihom illum: qtigħ il-qalb, sens ta' frammentazzjoni, nuqqas ta' fidi u ta' tama... meta bħala knisja nibirdu, nitilfu l-ħeġġa, niddakkru mid-dinja, u ninsew il-wegħdiet tal-magħmudija tagħna.
- Ta' kuljum ngħixu u mmissu b'idejna wkoll ġrieħi fil-ħajja pubblika tagħna. Dawn ma nfejjquhomx biss għax il-"Knisja" titkellem "mill-Kurja", imma għax fis-soċjetà tagħna aħna nerfgħu r-responsabbiltà tagħna u naġixxu tassew ta' dixxipli mibgħuta biex jagħtu xhieda.
- Pajjiżna hu wkoll mifni bi ġrieħi fl-ambjent tagħna: dak li għajnejna jaraw, li widnejna jisimgħu, l-arja li mnifsejna jieħdu n-nifs minnha hu kontaminat u marid. Il-konverżjoni ekoloġika hi urġenti għax ittaqqal mhux biss is-sensi tagħna, imma l-ispirtu tagħna.
- U għalhekk, is-seba' ġerħa, dik spiritwali, dik fejn ir-relazzjoni tagħna ma' Alla bħala Poplu tiegħu—fl-espressjoni liturġika tagħna, fil-mod kif inħarsu lejn ir-realtà kollha kemm hi jekk hiex maqtugħa minn Alla, jew inkella espressjoni ħajja ta' Alla Ħallieq—tħalli impatt kbir fuq il-mod kif ngħixu. Alla jidħol f'kull aspett ta' ħajjitna bħala Nsara, bħala Poplu Qaddis tiegħu? Jew hemm spazji li nagħżlu li jibqgħu fid-dlam, waqt li nikkompartmentalizzaw il-ħajja Nisranija f'dak li hu ta' Alla u dak li hu ta' Ċesri?

L-isfidi pastorali, u l-weġgħat fil-poplu tagħna, huma kbar u kumplessi. Imma lanqas ma aħna mitluba li nfejjquhom aħna bil-ħiliet tagħna u bil-kapaċitajiet tagħna biss. Hu l-Ispirtu ta' Alla li jfejjaq u jagħti l-ħajja. Bħala knisja aħna mitluba biss li nagħrfu kif l-Ispirtu qiegħed isejħilna biex inkunu l-idejn u r-riġlejn ta' Kristu fir-realtà konkreta tagħna. Dan nistgħu nagħmluh biss meta nagħrfu li l-missjoni tagħna hi waħda ta' parteċipazzjoni, u għalhekk li l-ħidma tagħna ma tibdiex bina imma fl-Ispirtu li diġà witta t-triq qabilna.

**Kurja tal-Arċisqof**
Pjazza San Kalċidonju
Il-Furjana, Malta

**Indirizz Postali**
Arċidjoċesi ta' Malta, P.O. Box 1
Il-Furjana FRN 1520, Malta

**Tel.** +356 2124 1281
**Email.** media@maltadiocese.org
**www.knisja.mt**

Bħala knisja waħda fuq vjaġġ wieħed ifisser li nsiru knisja li tagħraf il-preżenza tal-Ispirtu, u allura li tagħraf tiddixxerni. Dan nagħmluh mhux b'mod wieħed biss, imma—almenu bi **tmien modi konkreti**, jekk tassew nixtiequ li l-ħajja ekkleżjali tagħna tkun awtentika u konsistenti:

- bħala Nsara, fil-ħajja personali tagħna, inrawmu spirtu ta' axxesi li jgħinna nagħrfu dak li Alla tassew jixtieq minna f'kull mument ta' ħajjitna.
- Imma bħala Nsara, aħna wkoll mitluba li niddixxernu biex nieħdu ħsieb xulxin. Il-mod l-iktar konkret ta' dan hu fil-familja, fejn il-ġenituri jikkunsidraw mhux biss dak li Alla jixtieq minnhom imma wkoll għal uliedhom u l-familja tagħhom.
- bħala Nsara niddixxernu wkoll fir-rwoli pubbliċi tagħna fejn aħna responsabbli mhux biss għal dawk taħt il-ħarsien tagħna, imma wkoll biex l-istituzzjonijiet li jaqdu l-pubbliku jħarsu tassew il-ġid komuni.
- Bl-istess mod, bħala Nsara msejħin niddixxernu wkoll kif fl-aġir kollu tagħna nħarsu l-ħolqien li Alla tana fil-Providenza tiegħu. Il-kura tad-dar komuni hi meħtieġa b'mod speċjali f'pajjiżna.

Iżda bħala Nsara, niddixxernu wkoll **flimkien bħala komunità ekkleżjali.** Id-dixxerniment komunitarju hu meħtieġ għaliex flimkien, **fil-komunitajiet differenti fejn tiltaqa' l-Knisja**, infittxu li naqraw is-sinjali taż-żminijiet fid-dawl tal-Evanġelju u għalhekk li naġixxu f'konformità ma' dak li l-Ispirtu s-Santu jitlob minna.

- Fil-Knisja "domestika", jew kull fejn jinġabru l-komunitajiet iż-żgħar li jaqdu missjoni komuni;
- Fil-"parroċċa" jew fejn il-*Knisja* tinġabar bil-mod sħiħ tagħha bħala saċerdoti, lajċi u reliġjużi biex flimkien jiddixxernu kif l-Ispirtu qiegħed isejħilhom biex jaqdu u joħorġu fit-territorju partikulari tagħhom. Dixxerniment analogu għadu jsir fl-iskejjel tal-Knisja u istituzzjonijiet oħra tal-Arċidjoċesi;
- Fil-"provinċja jew kongregazzjoni reliġjuża" jew fil-"moviment lajk" fejn komunitajiet li għandhom kariżma li torbothom mal-Knisja universali, jagħrfu kif l-Ispirtu qed jitlobhom jgħixu din il-kariżma fl-isfidi konkreti lokali;
- Fl-Arċidjoċesi, permezz ta' proċess li jiggarantixxi sinodalità, fejn il-Knisja Maltija tagħraf il-prijoritajiet pastorali għas-snin li ġejjin.

L-aħħar pass tal-mixja tad-dokument tipproponi li nħarsu lura lejn l-Għalliem fit-triq ta' Għemmaws.

**Kurja tal-Arċisqof**
Pjazza San Kalċidonju
Il-Furjana, Malta

**Indirizz Postali**
Arċidjoċesi ta' Malta, P.O. Box 1
Il-Furjana FRN 1520, Malta

**Tel.** +356 2124 1281
**Email.** media@maltadiocese.org
**www.knisja.mt**

Knisja li tisma', li tilqa', li takkumpanja, u li toħroġ tfisser li hi knisja li tagħti prijorità lil erba' aspetti kruċjali tal-ħajja pastorali:

- Il-ħajja spiritwali, u għalhekk l-aspett kontemplattiv u liturġiku;
- L-isfidi relazzjonali, u għalhekk il-mod konkret kif inservu u nfittxu r-rikonċiljazzjoni;
- Il-formazzjoni fid-dixxipulat, mit-twelid sal-mewt;
- U l-evanġelizzazzjoni bħala l-isfida l-ikar ċara ta' kif il-knisja toħroġ mill-"knejjes" bla biża'.

Dan hu l-proċess li nittama li nkomplu ngħixu flimkien fis-snin li ġejjin biex l-Ispirtu jgħarrafna kif aħna mibgħuta bħala l-Ġisem ta' Kristu nfejqu f'ismu l-ġrieħi f'pajjiżna. Il-mod kif aħna naqdu hu wkoll il-mod kif aħna niġġeddu: bħala knisja li ddawwal fid-dlam, li tagħti t-togħma biex ngħixu f'soċjetà iktar umana.

**Kurja tal-Arċisqof**
Pjazza San Kalċidonju
Il-Furjana, Malta

**Indirizz Postali**
Arċidjoċesi ta' Malta, P.O. Box 1
Il-Furjana FRN 1520, Malta

**Tel.** +356 2124 1281
**Email.** media@maltadiocese.org
**www.knisja.mt**